31994D0984

L 378/11 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.12.1994

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tal-20 ta' Diċembru 1994
li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni tal-laħam frisk tat-tjur minn ċerti pajjiżi terzi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(94/984/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/494/KEE tas-26 ta' Ġunju 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi tal-laħam tat-tjur frisk [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/121/KE [2], u partikolarment l-Artikoli 11 u 12 tagħha,

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/85/KE [3], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 94/453/KE [4], stabbiliet lista ta' pajjiżi terzi minn fejn l-importazzjoni ta' laħam frisk tat-tjur hija awtorizzata;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/438/KE [5] stabbiliet il-kriterji ġenerali għall-klassifikazzjoni ta' pajjiżi terzi dwar l-influwenza ta' l-għasafar u l-marda tan-Newcastle fejn huma kkonċernati l-importazzjonijiet tal-laħam frisk tat-tjur;

Billi huwa xieraq li jkun ristrett l-iskop ta' din id-Deċiżjoni għall-ispeċi ta' tjur li huma koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE [6], kif l-aħħar emendata u aġġornata bid-Direttiva 92/116/KEE [7] u li jkunu stabbiliti il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-ispeċi l-oħrajn tat-tjur f'Deċiżjoni separata;

Billi, għalhekk, il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikati veterinarji għandhom jiġu stabbiliti; billi, peress li hemm gruppi differenti ta' sitwazzjonijiet simili tas-saħħa bejn tnejn jew tlett pajjiżi terzi, huwa xieraq li jkunu stabbiliti ċertifikati tas-saħħa differenti fid-dawl ta' dawk is-sitwazzjonijiet;

Billi issa huwa possibbli, skond l-informazzjoni li tkun waslet mingħand il-pajjiżi terzi kkonċernati u bir-riżultati tal-ispezzjonijiet li jkunu saru mis-servizzi tal-Kummmissjoni f'uħud minn dawn il-pajjiżi, li jkunu stabbiliti żewġ kategoriji ta' ċertifikazzjoni;

Billi s-sitwazzjoni tal-pajjiżi terzi l-oħrajn li għalihom għadu mhux possibbli li jkun stabbilit ċertifikat hija studjata b'attenzjoni sabiex ikun magħruf jekk dawn ikunux konformi mal-kriterji tal-Komunità jew le; billi din id-Deċiżjoni għandha tkun riveduta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 1995 biex tawtorizza jew tipprojbixxi l-importazzjoni minn dawn il-pajjiżi;

Billi din id-Deċiżjoni tapplika mingħajr preġudizzju għall-miżuri meħuda għal-laħam tat-tjur impurtat għal skopijiet oħrajn għajr il-konsum uman;

Billi, peress li skema ta' ċertifikazzjoni ġdida qed tiġi stabbilita, għandu jkun hemm provvediment ta' perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħha;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam frisk tat-tjur minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness I, basta li din tkun tilħaq il-kriterji taċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali li jikkorrispondi maċ-ċertifikat li hemm stabbilit fl-Anness II u li din tkun akkumpanjata minn dan iċ-ċertifikat, mimli u ffirmat kif suppost. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-parti ġenerali li tkun konformi ma' l-Anness II, il-Parti 1, u wieħed miċ-ċertifikati speċifiċi tas-saħħa li jkun konformi ma' l-Anness II, il-Parti 2, skond il-mudell referut fl-Anness I.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 1995.

(1) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 35.
(2) ĠU L 340, tal-31.12.1993, p. 39.
(3) ĠU L 44, tas-17.2.1994, p. 31.
(4) ĠU L 187, tat-22.7.1994, p. 11.
(5) ĠU L 181, tal-15.7.1994, p. 35.
(6) ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 23.
(7) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun riveduta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 1995.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

Il-pajjiżi terzi jew il-partijiet minn pajjiżi terzi li huma awtorizzati li jużaw iċ-ċertifikat stabbilit fl-Anness II għall-importazzjoni tal-laħam frisk tat-tjur fil-Komunità

Kodiċi OIS	Pajjiż	Partijiet tat-territorju	Mudell li għandu jintuża
AU	L-Awstralja		A
BR	Il-Brażil	L-Istati ta' Rio Grande do Sul u Santa Catarina	A
CA	Il-Kanada		A
CH	L-Iżvizzera		A
CL	Iċ-Ċili		A
CY	Ċipru		A
CZ	Ir-Repubblika Ċeka		A
HR	Il-Kroazja	Il-provinċji ta' Zagrebacka, Krapinsko-Zagorska, Varadinska, Koprivnicko-Krizevacka, Bjelovarsko-Bilogorska, Primorsko-Goranska, Viroviticko-Podravska, Pozesko-Slavonska, Istarska, Medimurksa, Grad Zagreb	A
HU	L-Ungerija		A
IL	L-Iżrael		B
NZ	New Zealand		A
PL	Il-Polonja		A
RO	Ir-Rumanija		A
SK	Is-Slovakkja		A
TH	It-Tajlandja		B
US	L-Istati Uniti ta' l-Amerika		A

Nota : A u B jirreferu għall-mudell stabbilit fit-tieni parti ta' l-Anness II

L-ANNESS II

PART 1

IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TA' L-ANNIMALI GĦAL-LAĦAM FRISK TAT-TJUR GĦALL-KONSUM UMAN (1)

Nota għall-importatur: Dan iċ-ċertifikat huwa biss għal għanijiet veterinarji u l-oriġinal għandu jakkumpanja l-konsenja basta li din tilħaq il-post tal-ispezzjoni fuq il-fruntieri.

1. Konsenjatur (l-isem u l-indirizz sħaħ):	2. ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA Nru. ORIĠINAL 2.1. Numru taċ-ċertifikat relevanti tas-saħħa pubblika:
	3.1. IL-Pajjiż ta' l-oriġini: 3.2. Ir-Reġjun ta' l-oriġini (2):
4. Konsinnatarju (l-isem u l-indirizz sħaħ):	5. L-AWTORITÀ KOMPETENTI:
8. Il-Post tat-tagħbija:	6. L-AWTORITÀ KOMPETENTI (LIVELL LOKALI):
9.1. Il-Mezzi ta' trasport (3): 9.2. In-Numru tas-siġill (4):	7. L-Indirizz tal-istabbiliment(i): 7.1. Il-Biċċerija:
10.1. L-Istat Membru tad-destinazzjoni: 10.2. Id-Destinazzjoni finali:	7.2. L-Impjant tat-tqattigħ (5): 7.3. Il-Maħżen tas-silġ (5):
12. L-ispeċi tat-tjur:	11. In-Numru(i) ta' l-approvazzjoni tal-istabbiliment(i): 11.1. Il-Biċċerija:
13. In-Natura tat-tqattigħ:	11.2. L-Impjant tat-tqattigħ (5):
14. Id-Dettalji dwar l-identifikazzjoni tal-konsenja:	11.3. Il-Maħżen tas-silġ (5):
Noti: *Ċertifikat separat għandu jkun ippruvdut għal kull konsenja ta' laħam frisk tat-tjur*	15. Il-Kwantità: 15.1. Il-Piż nett (kg): 15.2. In-Numru ta' pakketti:

(1) Laħam frisk tat-tjur ifisser kwalunkwe partijiet ta' tjur domestiċi, dundjani, fargħuni, wiżż u papri, li huma tajbin għall-konsum uman u li ma jkunux għaddew mill-ebda trattament ħlief għal dak ta' kesħa biex tkun assigurata l-preservazzjoni tagħhom; laħam imgeżwer mingħajr arja jew dak imgeżwer f'atmosfera kkontrollata għandu jkun akkumpanjat ukoll minn ċertifikat skond dan il-mudell.

(2) Biex jimtela biss jekk l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn il-Komunità ma tkunx ristretta għal ċerti reġjuni tat- pajjiżi terzi ikkonċernati.

(3) Indika l-mezzi tat-trasport u l-marki tar-reġistrazzjoni, jew l-isem tar-reġistrazzjoni, skond kif xieraq.

(4) Voluntarja.

(5) Ħassar meta mhux applikabbli.

PARTI 2

Mudell A

16. **Ċertifikazzjoni tas-saħħa:**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara, b'konformita mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/494/KEE:

1. li ..... (1), reġjun ..... (2) huwa ħieles mill-influwenza ta' l-għasafar u mill-marda tan-Newcastle, kif definit fil-Kodiċi Internazzjonali tas-Saħħa ta' l-Annimali tal-OIE;

2. li l-laħam deskritt hawn fuq inkiseb minn tjur li:

   (a) inżammu fit-territorju ta' ..... (1), reġjun ..... (2) sa mit-tfaqqis tagħhom jew ġew impurtati bħala flieles ta' ġurnata;

   (b) ġew minn stabbilimenti:

   — li ma tpoġġewx taħt restrizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali marbuta ma' xi mard tat-tjur,

   — li madwarhom, f'raġġ ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda tfaqqiegħ tal-influwenza ta' l-għasafar jew tal-marda tan-Newcastle għal minn ta' lanqas 30 ġurnata;

   (c) ma nqatlux fil-kuntest ta' kwalunkwe skema tas-saħħa ta' l-annimali għall-kontroll jew il-qerda ta' mard tat-tjur;

   (d) ġew/ma ġewx (3) imlaqqma kontra l-marda tan-Newcastle bl-użu ta' vaċċin ħaj matul it-30 ġurnata ta' qabel il-qatla;

   (e) matul it-trasport tagħhom lejn il-biċċerija ma ġew fl-ebda kuntatt ma' tjur li jsofru mill-influwenza ta' l-għasafar jew il-marda Newcastle;

3. li l-laħam deskritt hawn fuq:

   (a) ġej minn biċċeriji li, fil-ħin tal-qatla, ma kienu taħt l-ebda restrizzjonijiet minħabba xi suspett jew tfaqqigħ attwali tal-influwenza ta' l-għasafar jew tal-marda Newcastle u li madwarhom, f'raġġ ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda tfaqqigħ tal-influwenza ta' l-għasafar jew tal-marda Newcastle għal minn ta' lanqas 30 ġurnata;

   (b) ma kienu fl-ebda kuntatt, fi kwalunkwe ħin tal-qatla, tat-tqattiegħ, tal-ħażna jew tat-trasport ma' laħam li ma jkunx konformi mal-kriterji tad-Direttiva 91/494/KEE;

Magħmul fi ..... nhar .....

.....

Siġill (4) (firma tal-veterinarju uffiċjali) (4)

.....

(isem b'ittri kbar, il-kwalifiki u t-titolu)

(1) L-isem tal-pajjiż ta' l-oriġini.
(2) Biex timtela biss jekk l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn il-Komunità tkun ristretta għal ċerti reġjuni tal-pajjiżi terzi kkonċernati.
(3) Ħassar ir-referenza li mhix mehtieġa. Jekk it-tjur ikunu ġew imlaqqma fi żmien 30 ġurnata qabel il-qatla, il-konsenja ma tistax tintbagħat lill-Istati Membri jew xi reġjuni tagħhom li jkunu ġew ikkonfermati b'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE (bħalissa dawn huma id-Danimarka, l-Irlanda u, r-Renju Unit, l-Irlanda ta' Fuq).
(4) It-timbru u l-firma iridu jkunu f'kulur differenti minn dak tal-istampar.

Mudell B

16. **Ċertifikazzjoni tas-saħħa:**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara, b'konformita mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/494/KEE:

1. li ..... (1), reġjun ..... (2) huwa hieles mill-influwenza ta' l-għasafar u mill-marda tan-Newcastle, kif definit fil-Kodiċi Internazzjonali tas-Saħħa tal-Annimali tal-OIE;
2. li l-laħam deskritt hawn fuq inkiseb minn tjur li:
   (a) inżammu fit-territorju ta' ..... (1), reġjun ..... (2) sa mit-tfaqqis tagħhom jew ġew impurtati bħala flieles ta' ġurnata;
   (b) ġew minn stabbilimenti:
      — li ma tpoġġewx taħt restrizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali marbuta ma' xi mard tat-tjur,
      — li madwarhom, r'raġġ ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda tfaqqiegħ tal-influwenza ta' l-għasafar jew tal-marda tan-Newcastle għal minn ta' lanqas 30 ġurnata;
   (c) ma nqatlux fil-kuntest ta' kwalunkwe skema tas-saħħa ta' l-annimali għall-kontroll jew il-qerda ta' mard tat-tjur;
   (d) ġew/ma ġewx (3) imlaqqma kontra l-marda tan-Newcastle bl-użu ta' vaċċin ħaj matul it-30 ġurnata ta' qabel il-qatla;
   (e) matul it-trasport tagħhom lejn il-biċċerija ma ġew fl-ebda kuntatt ma' tjur li jsofru mill-influwenza ta' l-għasafar jew il-marda Newcastle;
3. li l-qatgħa kummerjali tat-tjur għall-qatla li minnhom ikun ittieħed il-laħam,
   (a) ma tkunx ġiet imlaqqma b'vaċċini ppreparati minn Master Seed tal-virus tal-marda Newcastle li juri patoġeniċità ogħla mill-għamliet lentoġeniċi tal-virus; u
   (b) fil-qatla tkun għaddiet, fuq il-bażi ta' kampjun meħud bl-addoċċ ta' cloacal swabs ta' mill-anqas 60 tajra minn kull qatgħa kkonċernata, minn test tal-iżolament tal-virus għall-marda Newcastle, imwettaq f'laboratorju uffiċjali, li fih ma jkunu nstabu l-ebda paramyxoviruses ta' l-għasafar b'Indiċi ta' Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4; u
   (c) ma kinietx f'kuntatt matul il-perjodu ta' 30 ġurnata qabel il-qatla ma' tjur li ma jkunux konformi mal = l-garanziji referuti taħt (a) u (b).
4. li l-laħam deskritt hawn fuq:
   (a) ġej minn biċċeriji li, fil-ħin tal-qatla, ma kienu taħt l-ebda restrizzjonijiet minħabba xi suspett jew tfaqqigħ attwali tal-influwenza ta' l-għasafar jew tal-marda Newcastle u li madwarhom, f'raġġ ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda tfaqqigħ tal-influwenza ta' l-għasafar jew tal-marda Newcastle għal minn ta' lanqas 30 ġurnata;
   (b) ma kien fl-ebda kuntatt, fi kwalunkwe ħin tal-qatla, tat-tqattiegħ, tal-ħażna jew tat-trasport ma' laħam li ma jkunx konformi mal-kriterji tad-Direttiva 91/494/KEE;

Magħmul fi ..... nhar .....

.....

Siġill (4) (firma tal-veterinarju uffiċjali) (4)

.....

(isem b'ittri kbar, kwalifiki u titolu)

---

(1) L-isem tal-pajjiż ta' l-oriġini.
(2) Biex timtela biss jekk l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn il-Komunità tkun ristretta għal ċerti reġjuni tal-pajjiżi terzi kkonċernati.
(3) Ħassar ir-referenza li mhix meħtieġa. Jekk it-tjur ikunu ġew imlaqqma fi żmien 30 ġurnata qabel il-qatla, il-konsenja ma tistax tintbagħat lejn l-Istati Membri jew xi reġjuni tagħhom li jkunu ġew magħrufa b'konformita mal-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE (bħalissa hemm id-Danimarka, l-Irlanda u, r-Renju Unit, l-Irlanda ta' Fuq).
(4) It-timbru u l-firma iridu jkunu f'kulur differenti minn dik tal-istampar.